MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1153/2013

**Bawag Malta Bank Limited**
**(C – 31608)**

**vs**
**Bunker Supplies Malta Limited (C – 4465)**
**Paul Hili (karta ta’ l-identita` numru 50758 (M))**
**U**
**Angela Hili (karta ta’ l-identita` numru 353258 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 ta’ Dicembru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi fit-2 ta’ Ottubru, 2009, is-socjeta` rikorrenti ikkoncediet facilita` bankarja lis-socjeta` intimata li sussegwentement kienet ukoll emendata fi tlett (3) dati

differenti kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur u kif konsolidata fil-ftehim datat id-9 ta' Mejju, 2012, (ara fol 7 *et sequitur*);

1.2 Illi kif jirrizulta mill-istess ftehim tad-9 ta' Mejju, 2012, fuq riferit, l-intimati Paul u Angela Hili ikkostitwew ruhhom garanti solidali ghas-socjeta` intimata fuq riferita ghall-obbligi kollha minnha assunti fl-istess facilita`, (ara fol 8);

1.3 Illi skont l-istess facilita` jirrizulta li l-bilanc pendenti dovut mill-intimati lill-bank rikorrenti hu ta' seba' mija hamsa u sittin elf, hames mija erbgha u disghin Ewro u tmintax –il centezmu, (€765,594.18);

1.4 Illi d-dejn riskontrat fil-facilita` *de quo* kellu jithallas fuq rikjesta appozita bil-miktub tas-socjeta` rikorrenti, inkluz ukoll l-imghaxijiet li jkunu dovuti;

1.5 Illi t-talba indikata fil-paragrafu precedenti giet effettwata mill-bank rikorrenti, u dan, wara li s-socjeta` intimata naqset li tonora l-obbligi ta' hlas taghha lill-istess bank rikorrenti a bazi tal-imsemmi ftehim fuq gia` riferit;

1.6 Illi ghalkemm interpellata, is-socjeta` intimata naqset li tonora l-obbligi kontrattwali taghha;

1.7 Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` rikorrenti interpellat ukoll lill-intimati kollha fuq indikati u innotifikathom li:

1.7.1. Il-facilita` in dizamina kienet giet kancellata u terminata;

1.7.2. Talbithom ihallsu l-ammont bilancjali minnhom dovut u dan, flimkien mal-imghaxijiet relattivi sad-data tar-rikors guramentat promotur;

1.8 Illi nonostante dan, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk il-bank rikorrenti kien kostrett jintavola l-procedura odjerna;

1.9 Illi *di piu`*, stante li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jirrigwardaw ammont cert, likwidu u dovut, l-istess socjeta` talbet li l-procedura odjerna titmexxa bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skont il-ligi;

1.10 Illi konsegwentement l-istess socjeta` rikorrenti talbet li din il-qorti:

1.10.1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom, debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' seba' mija hamsa u sittin elf, hames mija erbgha u disghin Ewro u tmintax –il centezmu, (€765,594.18), oltre l-imghaxijiet applikabbli sad-data tar-rikors guramentat promotur ekwivalenti ghal wiehed u ghoxrin elf, hames mija sebgha u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmu, (€21,547.60);

1.10.2. Tiddikjara lis-socjeta` intimata li ma hallsitx is-somma ta' elf u tmenin Ewro, (€1,080.00), rapprezentanti l-"*guarantee fee*";

1.10.3. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati biex ihallsu l-ammonti fuq hekk likwidati;

1.10.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet dovuti skont il-facilita` in dizamina, sad-data tal-effettiv pagament;

2.Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

3.Semghet l-ammissjoni tal-initmat Paul Hili debitament awtorizzat mill-intimati l-ohra biex jammetti t-talbiet in dizamina anke fil-konfront taghhom;

4.Illi in vista tal-istess ammissjoni din il-qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

4.1. Tordna li l-procedura odjerna tinstema' bid-dispensa tas-smiegh skont il-ligi riferita fl-istess rikors guramentat promotur;

4.2. Tiddikjara lill-intimati kollha fuq indikati huma *in solidum* debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' seba' mija tmienja u tmenin elf, mitejn wiehed u ghoxrin Ewro u disa' u sebghin centezmu, (€788,221.79), kif fuq indikat;

4.3. Tikkundanna lill-istess intimati biex *in solidum* ihallsu l-ammont komplessiv hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

4.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet dovuti skont il-facilita` fuq riferita sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess intimati *in solidum* fuq gia` indikati.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------